## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. CARLOS LEAN SCHEMBRI (KI. 97398M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**09/05/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI int** akkuzat talli fit-2 ta`Mejju 2021 ghall habta tqa`13.45Hrs fl-Akwati tal-Bizbizija, Mosta, u f`toroq ohra f`dawn il-Gzejjer, waqt li kont qed issuq vettura tal-ghamla `Mercedes Benz` registrata bin-numru tar-registrazzjoni CBX365,

(1). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-trasport f`Malta biex tintuza fit-triq.(Sec.15(1)(a)(3)Chap.65.
(2). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(Sec.3(1) Chap.104)
(3). Kellek fit-triq,l-imsemmija vettura kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja ghac-cirkolazzjoni valida mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta. (Sec.13(2) LS.368.02)
(4). Inqast li twahhal id-diska tal-licenzja fuq in-naha tax-xellug tal-Windscreen b`mod li tkun tidher minn quddiem.Sec.17(2)(a) LS.368.02
(5). Ghamilt uzu minn marka ta`registrazzjoni xort`ohra minn dik moghtija mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, u cioe ghamilt uzu minn pjanca tan-numri tar-registrazzjoni FCT075 li huma allokati lill vettura tal-ghamla `Peugeot`(Sec.44(5) LS.368.02)
(6). Biddilt, irrangajt mill gdid jew hassart marka ta`registrazzjoni ta`vettura bil-mutur jew xort`ohra baghbast mal-pjanci tar-registrazzjoni ta`vettura bil-mutur. (Sec.44(4) LS.368.02)
(7). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan. (Sec.15(1)(a)(3) Chap.65).
(8). Soqt l-imsemmija vettura bi hgieg skurat/tinted meta kien gie applikat kulur, film,sustanza jew materjal iehor minghajr il permess ta`l-Awtorita ghat-Trasport f`Malta.(Sec.110A(4)(5) LS.65.11
(9). Kif ukoll int sirt recidiv b`sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati(Malta) datata 21/6/2016 mill-Magt.Dr.F.Depasquale LL.D. u mill-Qorti tal-Magistrati(Ghawdex) fis 6/10/2017 u fit-23/3/2018 mill-Magt.Dr.J.Mifsud LL.D. (Sec.49.50 Chap.9.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 508 Aidan Gatt (affidavit), PC 81 Leandro Muscat (affidavit), PC 78 Luke Grima (affidavit), Stephen Cachia (affidavit) u Yesenia Maria Pace.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavits tal-uffiċjali tal-Pulizija illi fid-data u l-ħin indikati fil-komparixxi PC 78 u PC 81 lemħu vettura tal-għamla Mercedes bin-numru FCT 075 li kienet qed tinstaq maġenb il-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr. Din il-vettura ta' kulur abjad kellha l-ħġieġ kollu tagħha *tinted.* Mill-investigazzjoni preliminari li saret tramite is-sistema interna tal-Pulizija irriżultalhom illi l-pjanċa FCT 075 kienet filfatt reġistrata fuq vettura tal-għamla Peugeot u mhux Mercedes. Għalhekk PC 78 u PC 81 telqu għal wara l-vettura fejn waqqfuha fl-akwati tal-Biżbiżija, direzzjoni lejn Burmarrad. Fuq il-post attenda ukoll PS 508 li tkellem mal-imputat. L-imputat stqarr mal-Pulizija illi l-pjanċi verament ma kienux tal-vettura li kien qed isuq u li huwa kien ħareġ il-vettura mingħand il-*mechanic* tiegħu sabiex jeħodha d-dar tiegħu. Stqarr ukoll illi l-vettura Mercedes proprjament kienet irreġistrata ma' Transport Malta bħala *garaged.* L-imputat għaddha l-*logbook* proprja tal-Mercedes lill-Pulizija li minnha rriżulta illi l-vettura Mercedes Avantgarde suppost kienet tal-kulur griż mhux abjad u li n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha kellha ikun CBX 365. Ic-*chassis number* tal-vettura kien jikkorrispondi ma dak indikat fuq il-*logbook.* Irriżulta lill-Pulizija li l-vettura ma kelliex liċenzja u l-polza tal-assigurazzjoni ma kienetx valida. PS 508 sab ukoll illi l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida. Il-vettura imbagħad ittieħdet bit-*tow truck* ġewwa Ta' Kandja.

*Imputazzjonijiet numru 2 u 8*

L-imputazzjoni numru 2 hija preskritta bit-trapass taż-żmien stante illi għaddew iktar minn sitt (6) xhur mill-kummissjoni tal-allegat reat sad-data li fiha l-imputat ġiet notifikat bil-komparixxi. L-imputazzjoni numru 8 ukoll tirriżulta li preskritta stante illi hija ta' natura kontravvenzjonali.

*Imputazzjonijiet numru 3 u 4*

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru 3 u ċioe illi l-imputat kellu vettura bil-mutur fit-triq li kienet qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa jew mġedda mill-Awtorita' għat-Transport f' Malta, il-Qorti tqis illi rrispettivament minn jekk dan kienx il-każ jew le, il-Qorti xorta waħda hija tenuta ma timponiex il-piena applikabbli liema piena taqa' taħt l-iskeda ta' pieni elenkati taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02. Dan għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi

mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. Il-Qorti tawspika li l-leġislatur li ilu jaf b'din l-anomalija (u oħrajn bħalha) għal numru ta' snin jieħu ħsieb jwettaq l-emendi neċessarji għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 mingħajr iktar dewmien**.**

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru 4 u ċioe l-imputazzjoni li l-imputat ma' kellux id-diska tal-liċenzja mwaħħla man-naħa tax-xellug tal-*windscreen* b'mod li tkun tidher minn quddiem, irid jingħad illi l-leġislatur ma' jipprovdix piena speċifika għal dan ir-reat għaliex l-eqreb reat li jista' japplika (li miegħu hemm abbinata piena), dak ravviżat taħt ir-Regolament 44(7)(c) tal-istess LS 368.02, jipprovdi għal piena ta' €25 għas-sewqan jew tħallija fit-triq ta' vettura mingħajr ma' l-liċenzja tkun imwaħħla mal-*windscreen* **irrispettivament mill-posizzjoni tagħha u mill-fatt jekk tidhirx minn quddiem jew le**. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku l-fatt kontemplat taħt ir-Regolament 44(7)(c) tal- LS 368.02 ġie ppruvat, il-Qorti xorta kienet tkun tenuta ma' timponiex il-piena applikabbli għall-istess raġunijiet fuq imsemmija fir-rigward tal-imputazzjoni numru 3.

*Imputazzjonijiet numru 5 u 6*

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru 5 ċioe dik illi l-imputat għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija minn Transport Malta (bl-użu tal-pjanċa FCT 075 li kienet allokati lil vettura oħra tal-għamla Peugeot) u fir-rigward tal-imputazzjoni numru 6 ċioe dik illi l-imputat biddel, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura jew bagħbas xort' oħra mal-pjanċi tar-reġistrazzjoni tagħha, il-Qorti tqis illi hawnhekk il-Prosekuzzjoni straħet l-iżjed fuq l-istqarrija tal-imputat, liema stqarrija ma tistax titqies bħala prova ammissibbli stante illi ġiet rilaxxjata minnu mingħajr ma qabel ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu inkluż id-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu kemm qabel u possibbilment waqt l-istqarrija nnifisha. Verament jirriżulta mill-affidavit ta' Stephen Cachia (Transport Malta) illi l-vettura bin-numru CBX 365 tal-għamla Mercedes kienet reġistrata f'isem l-imputat fid-data tal-allegat reat u li fl-istess data l-vettura bin-numru FCT 075 kienet irreġistrata fuq ċertu Christian Borg. Madanakollu l-Prosekuzzjoni ma ressqietx l-aħjar prova li setgħet tressaq biex tipprova

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

dawn iż-żewġ reati u għalhekk fil-mankanza tagħhom il-Qorti trid bilfors tillibera lill-imputat minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

*L-ewwel imputazzjoni*

Is-sewqan tal-vettura in kwistjoni mill-imputat u l-fatt li din kienet bla liċenzja biex tintuża fit-triq jirriżultaw kemm mill-affidavits tal-Pulizija u kemm mill-affidavit ta' Stephen Cachia minn fejn joħroġ li filfatt il-vettura kienet suppost ilha ggaraxxjata mis-27 ta' Mejju 2019. Għalhekk din l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

*Is-seba' imputazzjoni*

Il-fatt li l-imputat kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan ukoll jirriżulta mill-istess affidavit ta' Stephen Cachia.

*Id-disa' imputazzjoni*

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023 meta xehdet Yesenia Maria Pace (Deputat Reġistratur għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali) ħareġ illi fil-21 ta' Ġunju 2016 l-imputat kien ġie misjub ħati minn din il-Qorti diversement presjeduta ta' numru ta' akkużi relatati mat-traffiku inkluż is-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji ta' terzi persuni. Dakinhar il-Qorti kienet ikkundannatu iħallas multa ta' € 200 pagabbli f'erba' pagamenti mensili ugwali. Ix-xhud ikkonfermat l-konnotati tal-imputat fl-istess sentenza esebita u kkonfermat ukoll li l-piena kienet ġiet skontata ossia li l-multa tħallset. Għalhekk din id-disa' imputazzjoni tirriżulta li ġiet ippruvata.

*Piena*

Il-Qorti rat mill-fedina penali tal-imputat li dan kemm il-darba ġie misjub ħati mill-Qrati tagħna ta' ksur ta' regolamenti tat-traffiku inkluż f'tal-inqas tlett (3) okkażjonijiet oħra r-reat tas-sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tħoss illi għandha timponi piena karċerarja effettiva sabiex tirrifletti l-gravita' tal-aġir menefregista tal-imputat li matul is-snin baqa' jippersisti bl-insistenza tiegħu illi minflok ma jottjeni liċenzja tas-sewqan skond il-liġi billi jgħaddi mit-test tal-liċenzja, jagħmel li jidhirlu moħħu bil-ħsieb żbaljat li ħadd ma jista' għalih.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet numru 2 u 8 stante li huma preskritti, mill-imputazzjonijiet numru 3 u 4 stante illi l-piena applikabbli m'hijiex erogabbli mill-Qorti u mill-imputazzjonijiet numru 5 u 6 fl-assenza tal-aħjar prova, issibu ħati tal-ewwel, is-seba' u d-disa' imputazzjonijiet u tikkundannah jiskonta piena ta' xahar priġunerija. B'żieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' xahar.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace
Maġistrat | Dep. Reġistratur